il-mument

SNAJJIET MISSIRIJIETNA

minn KARMENU CASSAR

# L-ARGENTIER

**Fil-knejjes tagħna, imxerrda ma' Malta u Għawdex għandek issib għadd kbir ta' xogħlijiet tal-fidda. Nistgħu ngħidu li ma hawnx knisja jew kappella żgħira li ma għandiex fiha xi xogħol tal-fidda bħall-lampier, messali, pedestalli, kandlieri u ħwejjeġ oħra simili.**

Dawn ix-xogħlijiet iżidu mhux ftit mal-ġmiel u r-rikezzi tal-knejjes tagħna u juru l-imħabba u l-għożża li missirijietna kellhom u għad għandhom għal knejjes tagħna.

Sa minn meta l-bniedem sab il-fidda, eluf ta' snin ilu, huwa beda jqisha bħala metall prezjuż u jagħmel minnha ħwejjeġ ta' għożża biex bihom isebbaħ persuntu, daru u t-tempji tiegħu.

Iżda jekk ix-xogħol tal-fidda kien isebbaħ djar u l-knejjes xejn inqas kien juri il-ħila ta' min jaħdmu.

Kull meta jkun se jsir xi xogħol tal-fidda, l-ewwel ma jsir hu d-disinn. Minn dan id-disinn isir mudell ta' l-injam li fuqu jinħadmu l-forom. Dan il-mudell ma jkunx biċċa waħda iżda maqsum f'għadd ta' partijiet u kull parti tinħadem għaliha.

L-imgħallem jaqbad waħda mill-partijiet u jniżżilha ġor-ramel niedi, magħruf bħala ramel tal-funderija. Ta' min jgħid li l-parti skolpita tingħata passata verniċ biex ir-ramel ma jaqbadx magħha.

Meta tkun niżlet biżżejjed, l-imgħallem joħroġha u hekk fir-ramel tibqa' stampata x-xbieha ta' dik li tkun ser tinħadem bl-irqaqat kollha tad-disinn. L-imgħallem, fejn ikun hemm bżonn, jirtokka din ix-xbiha, b'pinell ixarreb għax l-inqas difett fir-ramel, jekk ma jirranġax, fl-aħħar joħroġ difett fix-xogħol li jkun qed jagħmel.

Meta jlesti, jagħlaq din ix-xbiha fir-ramel fi speċi ta' kaxxa tal-landa u wara jkaħħal ix-xquq bir-ramel magħġun. Dan l-egħluq tal-landi jsir biex meta jitferra ġo fih il-metall imdewweb dan jingabar f'saff oħxon li jservi bħala bażi għall-forma. Biex l-imgħallem jiżgura li l-atta jkollha mnejn toħroġ meta jferra l-metall, jagħmel toqob fir-ramel madwara kollha. Bħal din il-forma jsiru l-postijiet l-oħra kollha tal-mudell.

Imbagħad ikun imiss li jissaħħan ir-ramel sakemm jixxotta u jibbies daqs li kieku inħema f'xi forma. Sadanittant fuq il-forġa jkun hemm il-borma biż-żingu mdewweb. L-arġentier jitfa biċċa xema ġoż-żingu biex kull tartru jitfa' fil-wiċċ u mbagħad iferra il-metall ġol-forom.

Il-forom isiru taż-żingu għax dan il-metall barra li jista' jinħadem bla tbatija, fl-istess ħin jiflaħ għad-daqqiet tal-mazza. U hekk, meta wara xi ġurnata jiksaħ, l-arġentier ikollu forom taż-żingu. Dawn il-forom huma magħrufin bħala **l-maskil.**

Huwa nteressanti li wieħed jara li kif mid-disinn fuq il-karti, sar mudell ta' l-injam, mill-injam ħarġet xbiha tar-ramel, u mir-ramel tnisslet il-forma taż-żingu — jew il-maskil. Mill-maskil għad-trid toħroġ oħra, il-femminil li tkun taċ-ċomb, iżda qabel, il-forma taż-żingu tgħaddi mill-proċess ta' **l-iċċiżillar.**

B'biċċiet ta' għodda li jsejħulhom **pnietel** l-arġentier jibda jdur il-forma biċċa biċċa u jiċċiżilla, jiġifieri joħroġ minnha d-disinji kollha li jridu jiġu jidhru, bħal ngħidu aħna flieli żgħar ibbuzzati 'l barra, jew imdaħħlin 'l ġewwa, jew irqajja' kkuskjati li fis-sengħa jsibuhom **"granit".** Dan ix-xogħol jitlob sabar u reqqa u immaġinazzjoni għax kif jiċċiżilla — jekk jaqlax 'l barra jew iħaffer jew jagħmel il-granit, jiddependi għal kollox mill-arġentier.

Wara li d-disinn fuq il-forma maskil taż-żingu jkun ħariġlu sa' l-inqas dettal l-imgħallem isawwar minn forma oħra taċ-ċomb, il-femminil. Sa issa x-xogħol kien kollu tiegħu. Bil-forom lesti, l-imgħallem jgħaddi biex jibda x-xogħol attwali fuq l-oġġett li jkollu sija jekk inhu lampier, kandlier eċċ.

Ġol-ħofra tal-forma femminil l-arġentier jpoġġi karta ħoxna u jagħlaq il-forma maskil fuqha. Dan jagħmlu biex fuq il-karta li tkun ħadet l-għamla, jkollu fuqhiex ifassal il-biċċa pjanċa tal-fidda, li meta tinħadem issir parti mill-lampier.

Wara, dik il-pjanċa tal-fidda jqegħdha fuq inkavatur speċi ta' meris u jinkavaha ħalli jibda biex jagħtiha l-għamla.

Imbagħad jaqbadha, jqegħdha fil-forma taċ-ċomb, idaħħal fiha l-forma taż-żingu — il-maskil — u jibda jagħti b'kemm għandu saħħa fuqha. Meta joħroġha, dik il-pjanċa tkun ħadet sewwa l-għamla tal-forom u hekk parti mill-lampier hija maħduma. Biss l-imgħallem ikun għad irid jirfinha, idurha għall-irqaqat u għalhekk jiċċizillaha bl-istess proċess li għamel fuq iz-zingu. Bħalma jsir fuq parti waħda hekk ukoll isir fuq il-partijiet differenti ta' l-oġġett. Meta jlesti d-diversi bċejjeċ ta' kull filata jgħaqqadhom flimkien.

Ix-xifer ta' fejn ikunu se jeħlu flimkien l-erba' partijiet, jgħaddihom bil-buraxx, u imbagħad igħaqqadhom bis-saldatura magħmula minn bċejjeċ żgħar tal-fidda.

Wara jibda jillima u jgħaddi bis-sand paper biex ineħħi s-saldatura żejda u l-grif li jkun hemm fuq il-fidda.

Minn hawn l-arġentier jgħaddi biex jillostra il-partijiet differenti bis-sistema magħrufa bħala 'buffing'.

Imbagħad isaħħanha biex mill-ġdid jimmattja l-fidda. Immedjatament jixħet il-fidda fil-bjankiment minn fejn wara ftit żmien titla' bajda lewn il-ħalib. L-imgħallem imbagħad joħodha biex jillustraha bil-birra. Jinqeda bil-birra għax din, filwaqt li tnaddaf ma ddennisx.

Dan il-proċess ta' bjankiment u lustrar bil-birra jirripeti ruħu għal xi 3 darbiet.

Fl-aħħar l-arġentier iħejji dawk il-partijiet tal-kandlier jew lampier li jkun iridu jiġu jleqju. U biex ngħidu hekk ix-xogħol huwa lest. Ikun jonqos biss li jitqiegħdu ġo xulxin jew ma' xulxin il-partijiet jew saffi kollha kif sejjaħnilhom fil-bidu.



• Pedestall tal-Fidda, xogħol ta' l-arġentier Ġuzi Cassar minn Bormla.